**Keywords:** ***Motor insurance*****;** ***total loss*****;** ***uberrima fides*****;** ***bona fede*****; obbligi tal-insurance; vettura skrappjata; ri-integrat fil-posizzjoni tieghu.**

**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 023/2017**

**LJ**

**vs**

**MAPFRE Middlesea p.l.c. (C-5553)**

**Seduta tat-28 ta' Marzu 2018**

**L-Arbitru ra l-ilment fejn fil-qosor huwa dan:**

L-ilmentatur kellu incident tat-traffiku fejn garrab hsarat fil-vettura tieghu assikurata *comprehensive* mal-provditur tas-servizz.

Il-vettura tal-ilmentatur, MAZDA 323 bin-numru AZZ671, kellha l-valur ta' €2,000 u l-*premium* li kien ihallas kien mahdum fuq dak l-ammont.

L-ispejjez biex sewwa din il-vettura jammontaw ghal €1,291.30, filwaqt li l-assikurazzjoni riedet taghtih biss is-somma ta' €800.

Isostni li l-valur assikurat kien dak ta' €2,000 u, peress li l-karozza kienet inxurjata *comprehensive*, kellu jinghata l-ammont ta' spejjez li nefaq u l-imghax kummercjali mid-data tal-ittra ufficjali tieghu tat-2 ta' Novembru 2015, u l-ispejjez gudizzjarji.

Il-provditur tas-servizz huwa kontumaci.[1]

Però, kif irritenew diversi drabi l-Qrati taghna, kontumacja ghandha titqies li hija kontestazzjoni. Il-Qorti tal-Appell[2] sostniet li ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci, dan ma jfissirx illi huwa abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domandi. Il-gudikant ghandu jezamina jekk it-talba hiex gustifikata indipendentement mill-kontumacja tal-konvenuti.

**Provi**

L-unici provi li ghandu l-Arbitru huma dawk migjuba mill-ilmentatur. Huwa xehed illi kellu incident stradali l-Hamrun u l-habta sehhet tort tas-sewwieq l-iehor. Il-karozza tieghu kienet inxurjata *comprehensive*. Talab lill-provditur tas-servizz u lill-*insurance* tan-naha l-ohra sabiex isir *survey report*, liema rapport sar u anke r-ritratti li ttiehdu marru ghand iz-zewg *insurances.* Peress li din il-karozza kellu bzonnha bhala *substitute car* u juzaha ta' spiss, ried li jsewwiha u talab stima kemm minghand l-*insurances,* kif ukoll minghand min kien ser isewwilu, certu Raymond Curmi ta' *Raymond Garage*, il-Furjana.

L-istima li ghamillu kienet ta' €1,200. Peress li l-karozza kienet inxurjata ghas-somma ta' €2,000, ra l-ispiza ta' €1,200 kienet fil-limitu tal-ammont assikurat. Huwa sewwa l-karozza u kien sodisfatt bit-tiswija tant li l-karozza ghadha tahdem sal-lum u ghadu juzaha.

L-assikurazzjoni offrietlu s-somma ta' €800 ghar-*wreckage* tal-karozza imma hu ma riedx jiskreppjaha u ried isewwiha.

Raymond Curmi, it-tellar, xehed illi hu kien sewwa l-karozza in kwistjoni u kkonferma li l-ammont ghat-tiswija tela' ghal €1,242. Jghid li LJ hallsu dan l-ammont. Jghid ukoll li hsarat kbar fil-karozza ma kienx hemm u, skont hu, il-karozza ma kellhiex tigi dikjarata '*total loss*' imma kienet tissewwa, tant li huwa sewwiha. Daqqiet strutturali fuq *chassis* u affarijiet bhal dawn ma kienx hemm. Id-daqqiet kienu fuq *outside panels*.

[1] Ara decizjoni preliminari a fol 48-51.
[2] Fenici Insurance Agency Ltd. vs Paul Stoner et, 22/11/2002; u Joseph Vella vs Pierre Cremona, 10/10/2003

**L-Arbitru jrid jiddeciedi dan il-kaz b'referenza ghal dak li fil-fehma tieghu huwa gust, ekwu u ragonevoli skont ic-cirkustanzi u l-merti sostantivi tal-kaz.**[3]

Huwa assodat fil-gurisprudenza taghna li l-kuntratt ta' assikurazzjoni huwa mibni fuq l-*uberrima fides* jew *utmost good faith* u din l-*utmost good faith* qieghda fuq iz-zewg nahat. Fil-kaz in kwistjoni, l-ilmentatur kien obbligat li jhallas il-*premium* u l-assikurazzjoni thallsu tar-riskji inxurjati meta dawn javveraw ruhhom.

Huwa wkoll stabbilit li, filwaqt li l-inxurjat ghandu wkoll l-obbligu li jghid lill-*insurance* b'fatti materjali li jistghu ikunu materjali jekk l-assikurazzjoni tidholx ghall-kuntratt ta' assikurazzjoni jew tghollix il-*premium*, min-naha l-ohra l-assikurazzjoni ghandha wkoll l-obbligu li thallas il-*claim* minghajr ma toqghod tfettaq u ssib ragunijiet biex ma thallasx.

Per ezempju, fis-sentenza **Patricia Agius vs GasanMamo Insurance Ltd., PA (JPG) 5/6/2005,** il-Qorti qalet**:**

'*Kif tajjeb ifiehem Semin Park fi The Duty of Disclosure in Insurance Contract Law (1996), Dartmouth:*

*"uberrimae fidei must not be indiscriminately used by insurers and judges as an excuse for ignoring insurance claims."*

*Dan il-principju gie riaffermat ripetutament minn dawn il-Qrati li sostnew illi l-principju ta' uberrimae fidei, cioè, utmost good faith, ma japplikax biss ghall-assigurat, izda japplika ukoll ghas-socjetà assiguratrici.*

*Hekk gie ritenut minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fis-sentenza tal-31 ta' Ottubru 2007, fl-ismijiet Andre Scerri pro et noe vs. Lloyd's (Malta) Limited noe:*

*"Illi fil-fatt jirrizulta ghalhekk li l-obbligu ta' bona fede japplika ghaz-zewg partijiet u din is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell ikkonfermat li s-socjetà assikuratrici hija wkoll marbuta b'dan il-principju ta' uberrima fides u b'hekk l-imgiba tas-socjetà assikuratrici ma ghandhiex tkun li twaqqa' dan il-principju minn wiehed ta' bona fides ghal wiehed purament mekkaniku li l-assiguratur jinqeda bih biex jehles mill-obbligazzjonijiet tieghu taht il-polza…"'.*

[3] KAP 555, Art 19(3)(b)

Ikun opportun li fil-qosor l-Arbitru jsemmi whud mill-obbligi ta' kumpanija ta' assikurazzjoni. Din il-lista m'hijiex lista ezawrjenti izda wahda ezemplikattiva.

L-assikurazzjoni ghandha:

- tittratta l-interessi tal-assikurat bl-istess mod li tittratta l-interessi taghha;
- tfittex ir-ragunijiet biex thallas il-*claim* u mhux biex tevitaha;
- tipprocessa l-*claim* kemm jista' jkun malajr u tinforma lill-assikurat bir-ragunijiet ghalfejn tkun ser tirrifjuta l-*claim;*
- tiddetermina l-hlas tal-*claim* b'mod gust u fier.

Fis-sentenza taghha fil-kaz **Anthony u Manuela konjugi Xuereb vs Noel Caruana, deciza fit-30 ta' Gunju 2004, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili** qalet hekk:

'L-*attur kien pienament gustifikat li ma jaccettax li l-vettura tigi skrapjata meta dina setghet tissewwa kif fil-fatt sar, jekk kienet tezisti l-probabbilità li l-flus li kien ser jinghata ma kienux ser ikunu sufficjenti biex jixtri karrozza ohra; u dan in applikazzjoni tal-prinicipju tar-restitutio in integrum.'*

F'dan il-kaz, galadarba l-hsara fil-karozza ma kienetx wahda estensiva, ma kienx ekwu u gust li l-provditur tas-servizz jiddeciedi li l-karozza kellha tigi dikjarata *total loss* u taghti somma li trid hi lill-assikurat. Kif xehed it-tellar, il-hsara tal-karozza ma kienetx estensiva; setghet tissewwa u ghadha tintuza sal-lum.

Il-kumpanija assikuratrici ma giet bl-ebda mod zvantaggjata ghaliex l-ammont ta' danni kienu jaqghu fil-parametru tal-ammont inxurjat. Apparti dan, in konformità mas-sentenza tal-Prim'Awla li ghadha kif giet citata, bl-ammont offrut l-assikurat ma kienx f'pozizzjoni li jixtri karozza ohra u, ghalhekk, ma setax ikun, b'mod gust u ekwu, ri-integrat fil-pozizzjoni tieghu.

**Ghal dawn ir-ragunijiet kollha msemmija, l-Arbitru jasal ghall-konkluzjoni li l-ilment huwa wiehed gust, ekwu u ragonevoli. L-ammont tad-danni gie ppruvat fl-ammont ta' €1,291.30.[4]**

**Ghaldaqstant, l-Arbitru qed jilqa' l-ilment u, ai termini tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-KAP. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, jordna lil *MAPFRE Middlesea p.l.c*. thallas lill-**

[4] Ara ricevuti a fol 13 u 14

**ilmentatur is-somma ta' elf, mitejn u wiehed u disghin ewro u tletin centezmi (€1,291.30).**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dan il-kaz ghandu jhallashom il-provditur tas-servizz**.

Dr Reno Borg
Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji